# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-25 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 996/2016**

**Horvin Limited**
**(C – 20062)**

**vs.**

**Buz Dov Developments Ltd**
**(C – 25647)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet merkanzija u rrendiet servizzi lis-socjeta` intimata rigwardanti bejgh u stallazzjoni ta' xoghol ta' aluminium;

1.2. Illi l-bilanc dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti hu ta' mija u hmistax- il elf, disa' mija u disgha u hamsin euro u tmienja u sittin centezmu, (€115,959.68);

1.3. Illi ghalkemm interpellata, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti *nonostante* diversi weghdiet li kienet ser thallas l-ammont minnha dovut;

1.4. Illi dan l-ammont hekk dovut hu wiehed cert, likwidu u dovut *ai termini* tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u s-socjeta` intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'tipprezenta fir-rigward;

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex il-qorti:

1.5.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq indikata ta' €115,959.68;

1.5.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont imsemmi ta' €115,959.68;

1.5.3. Tiddeciedi din il-procedura bid-dispensa tas-smigh a bazi tal-artiklu 167 tal-Kap 12 fuq riferit;

1.5.4. Bl-ispejjez u bl-interessi legali kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 26);

3.0. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu:

3.1. Wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata;

3.2. Wara li l-istess abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

awtorizzat lill-istess socjeta` intimata biex tipprezenta r-risposta taghha fit-terminu hemm indikat, (ara foll 33);

4.0. Rat nota datata t-18 ta' Jannar, 2017, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 35):

4.1. Illi ma tezisti l-ebda socjeta` bl-isem tas-socjeta` intimata, u ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma irritwali;

4.2. Illi l-ammont pretiz hu preskritt *ai termini* tal-artiklu 2149(a) tal-Kap 16;

4.3. Illi ma nharget l-ebda fattura fil-konfront tas-socjeta` intimata ghall-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti;

4.4. Illi ghalhekk, l-ebda ammont m'hu dovut lis-socjeta` rikorrenti mis-socjeta` intimata;

5. Rat il-verbal datat it-18 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata irtira l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata, (ara foll 33);

6. Rat id-digriet taghha datat l-4 t'April, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata, awtorizzat lill-istess biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward sat-terminu hemm indikat, bis-socjeta` rikorrenti wkoll tinghata l-istess opportunita` sat-terminu hemm ukoll prefiss, (ara foll 70);

7. Tirrileva li *nonostante* l-imsemmija opportunita`, il-kontendenti baqghu it-tnejn inadempjenti;

8. Tirrileva wkoll li s-socjeta` intimata baqghet fi stat ta' kontumacja u ghalkemm kellha l-opportunita` li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward ghazlet li ma taghmilx dan;

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi s-socjeta` rikorrenti timporta u timmanifattura l-aluminium, (ara foll 40);

10.2. Illi in effetti l-istess socjeta` rikorrenti taghmel xoghol ta' aperturi, *railings*, u xoghol iehor, (ara foll 40);

10.3. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet merkanzija u rrendiet servizzi ohra tas-socjeta` intimata;

10.4. Illi fl-esekuzzjoni tal-konsenja u tas-servizzi moghtija mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata, s-socjeta` rikorrenti dejjem kienet puntwali u hadmet kif pattwit, (ara foll 40);

10.5. Illi in effetti s-socjeta` intimata qatt m'inoltrat ilment fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti ghall-konsenji ta' merkanzija u ghas-servizzi provduti lilha mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 40);

10.6. Illi fid-dawl tas-suespost is-socjeta` rikorrenti ssosstni li s-socjeta` intimata hi ghalhekk debitrici taghha ghall-bilanc kurrenti ta' €115,959.68;

10.7. Illi ghalkemm fi stat ta' kontumacja fin-nota minnha inoltrata s-socjeta` intimata finalment issostni s-segwenti:

10.7.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma preskritti, (ara foll 35); u

10.7.2. Illi ma nghatat l-ebda fattura rigwardanti l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti;

10.8. Illi l-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni originarjament accennata giet irtirata, (ara foll 33);

11. Illi s-socjeta` intimata tindika fin-nota taghha fuq indikata, (ara paragrafu numru erbgha, (4.), aktar qabel), li t-talbiet tas-

socjeta` rikorrenti kienu preskritti *ai termini* tal-artiklu 2149(a) tal-Kap 16 fuq indikat li jghid is-segwenti:

> "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:
>
> (a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu";

12. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghall-artiklu 2134 tal-istess Kap 16 li jghid li:

> "Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih";

Ikkunsidrat:

13. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fl-ismijiet ***Fuel Oil and Petroleum Co. Ltd. vs. Sullivan Shipping Agencies Ltd.***, datata l-***24 t'Ottubru, 2003***, li tissottolinea li:

> "Il-ksur tal-preskrizzjoni b'gharfien tad-dejn u bi hlas akkont (li ma huwiex hlief kaz partikolari ta' gharfien) huma t-tnejn kazijiet ta' interruzzjoni *ex parte debitoris*. It-tnejn ghalhekk jiddependu mir-rieda tad-debitur li "jaghraf" li ghandu jaghti, u huwa lejn ir-rieda tad-debitur li rridu nharsu biex naraw inkisritx il-preskrizzjoni";

Ikkunsidrat:

14. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat li s-socjeta` rikorrenti effettivament talbet li s-socjeta` intimata biex taffettwa pagamenti parzjali ghax-xogholijiet u servizzi minnha lilha fornniti, (ara foll 63);

15. Illi *di piu`*, kuntrarju ghal dak indikat mis-socjeta` intimata kontumaci fin-nota taghha datata it-18 ta' Jannar, 2017, (ara foll 35), l-istess socjeta` kienet baghtet tinforma lis-socjeta` rikorrenti li kienet effettwat il-pagament hemm indikat "in akkont", (ara foll 64);

16. Illi in oltre, jirrizulta mid-dokument intitolat "*List of Projects done to Buz Dov Ltd*", (ara foll 66), illi l-istess socjeta` rikorrenti, wara li infurmat lis-socjeta` intimata bil-pagamenti li kienu gew effettwati mill-istess socjeta` intimata u bid-dati relattivi tal-istess, infurmat ukoll lis-socjeta` intimata bl-ammont li l-istess socjeta` kien ghad fadlilha taffettwa lis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tas-suespost allura ghandu jkun pacifiku li l-istess socjeta` intimata kienet gharfet l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti *stante* li l-pagamenti minnha hekk effettwati kienu qed isiru ***"in akkont"***;

18. Illi konsegwentement, in vista tal-artiklu 2134 fuq riprodott, (ara paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel), il-preskrizzjoni vantata mis-socjeta` intimata giet miksura;

19. Illi konsegwentement ma jirrizultax li l-azzjoni hawn intrapriza mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` intimata waqghet bil-preskrizzjoni vantata mis-socjeta` intimata, u dan, minhabba l-fatt li l-pagamenti dovuti mis-socjeta` intimata fir-rigward kienu sat-30 ta' Mejju, 2015, qed isiru "in akkont", (ara foll 40);

20. Illi fir-rigward tal-pagamenti dovuti mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti ghall-perjodu li jigi wara d-data indikata fil-paragrafu precedenti, jinghad li kienu intbghatu diversi ittri ufficjali f'Gunju, 2016, liema ittri ufficjali jinterrompu l-preskrizzjoni ghall-kumplament tal-perjodu rimanenti involuti, (ara foll 5, 9, 11, 14, 18 u 22);

Ikkunsidrat:

21. Illi ghall-kjarezza ssir hawn riferenza ghall-artiklu 2128 tal-istess Kap 16 li jghid is-segwenti:

"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom";

22. Illi konsegwenza tal-ittri ufficjali fuq riferiti, (ara paragrafu ghoxrin, (20.), aktar qabel), jirrizulta allura abbundantement assodat li l-istess ittri ufficjali interrompew ukoll il-preskrizzjoni rigwardanti l-perjodi hemm indikati;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-preskrizzjoni riferita mis-socjeta` intimata ghandha ghalhekk tigi respinta *stante* li l-perjodu preskrittiv gie interrott:

23.1. Kemm permezz tal-artiklu 2134 tal-Kap 16 meta saru pagamenti in akkont mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti;

23.2. Kemm permezz tal-artiklu 2128 meta permezz tal-ittri ufficjali fuq indikati, s-socjeta` rikorrenti bihom talbet lis-socjeta` intimata biex thallas l-ammonti minnha pretizi ghall-merkanzija mibjugha u ghas-servizzi lilha rezi;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi fir-rigward tal-ahhar lanjanza tas-socjeta` intimata rigwardanti l-allegazzjoni li s-socjeta` rikorrenti ma harget l-ebda fattura fil-konfront tas-socjeta` intimata ghall-ammont minnha pretiz, jinghad sintetikament is-segwenti:

24.1. Illi jirrizulta assodat li effettivament is-socjeta` rikorrenti qatt ma baghtet fattura unika kontenenti l-kont shih minnha pretiz;

24.2. Illi *nonostante* dan, jirrizulta pero` li effettivament intbghatu diversi fatturi ghall-ammonti differenti komplessivament ammontanti ghal €115,959.68, (ara

foll 6, 10, 12, 15, 19 u 23), li hu l-ammont attwalment rikjest mis-socjeta` rikorrenti f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

25. Illi jigi ghalhekk sottolineat, li ghalkemm is-socjeta` rikorrenti ma baghtitx fattura unika komprensiva, il-fatt li baghtet minflok diversi fatturi separati, dan ma jfissirx li l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti mhux aktar dovut lilha mis-socjeta` intimata;

26. Illi konsegwentement, anke din it-tielet (3) risposta tas-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

27. Illi *di piu`*, mill-fatturi pprezentati *in atti* din il-qorti hi konvinta li s-socjeta` intimata ghandha thallas l-ammont komplessiv hemm indikat lis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

28.1. Tordna d-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artiklu 167 tal-Kap 16 *et sequitur*;

28.2. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

28.3. Tirrespingi r-risposta tas-socjeta` intimata kif indikati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha;

28.4. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ***Buz Dov Developments Limited*** ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti ***Horvin Limited*** is-somma ta' €115,959.68;

28.5. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas l-ammont komplessiv ta' €115,959.68 lis-socjeta` rikorrenti;

28.6. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata u bl-interessi kif mitluba fl-istess rikors guramentat promotur li jibdew jiddekorru mill-21 ta' Gunju, 2016, sad-data tal-pagament effettiv.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**